MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2014

Mandat Numru. 1623/2014/1

Antoine **SCERRI**

vs

**L-AVUKAT ĠENERALI** u l-Kummissarju tal-Pulizija

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fis-16 ta' Ottubru, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrent talab li din il-Qorti żżomm lill-intimati milli

"joħroġ it-tiġieġ u l-ħamiem minn ġewwa d-dar ta' missieru" fuq ordni li ngħatat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali dak inhar stess;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Ottubru, 2014, li bih laqgħet it-talba provviżorjament, ordnat in-notifika lill-intimati bi żmien biex iressqu Tweġiba u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tat-23 ta' Ottubru, 2014;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija fit-22 ta' Ottubru, 2014, li biha u għar-raġunijiet hemm dettaljatament imsemmija, laqgħu għat-talba tar-rikorrent billi, b'mod preliminari, billi qalu li ma kinux il-kontradittturi leġittimi tat-talba tiegħu billi l-ordni tal-Qorti ma ngħatax lilhom iżda lir-rikorrent innifsu. Laqgħu ukoll fil-mertu billi saħqu li ma hemmx l-elementi li bihom din il-Qorti tista' tilqa' t-talba;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-intimati waqt is-smigħ tat-23 ta' Ottubru, 2014, għall-finijiet tal-artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt l-imsemmi smigħ;

Rat l-atti kollha tar-Rikors u kif ukoll dawk tal-atti tal-akkuża 1885/13 tal-14 ta' Awwissu, 2013;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' Ottubru, 2014, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li r-rikorrent qiegħed jitlob li l-intimati, jew min minnhom, jinżammu milli jneħħu xi tiġieġ u ħamiem li huwa jrabbi ġo dar fejn jgħix missieru. Din it-tneħħija kienet ordnata minn Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-16 ta' Ottubru, 2014[1] matul is-smigħ ta' każ tad-Distrett ta' Ħal Qormi fejn ir-rikorrent huwa mixli li fis-7 ta' Awwissu tal-2013 ħebb għal missieru Carmelo Xerri fid-dar numru 12Ċ, Triq Pinto, Ħal Qormi u ikkaġunalu ġrieħi ta' natura ħafifa[2];

Tqis li r-rikorrent jgħid li l-imsemmija ordni ngħatat meta ma kienx mgħejjun minn avukat, meta l-post li minnu kellhom jinħarġu t-tiġieġ u l-ħamiem ma kienx ġid ta' missieru u meta l-istess rikorrenti kien ilu jrabbi l-ħamiem u t-tiġieġ fl-imsemmi fond għal snin twal. Minbarra dan, jilminta wkoll mil-fatt li l-imsemmi ordni ngħatat meta hu għadu lanqas ressaq il-provi tiegħu u meta għad ma hemmx sentenza li saret ġudikat u għalhekk bi ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq;

Tqis li l-każ quddiem il-Qorti tal-Maġistrati għadu qiegħed jinstema' u jinsab fl-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni;

Tqis li d-degriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-16 ta' Ottubru, 2014, huwa wieħed interlokutorju;

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat[3];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat

[1] Paġ. 11 tal-atti
[2] Dok "AX", f'paġ. 18 tal-atti
[3] Art. 873(1) tal-Kap 12

huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*), dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux waħda soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[4]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[5];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[6]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

---

[4] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)
[5] Art. 875(3) tal-Kap 12
[6] Ara, per eżempju, P.A. NC **11.3.2003** fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***IWT Group Malta Ltd vs Direttur Ġenerali tal-Kuntratti et***

Tqis li, b'żieda mal-elementi meħtieġa kif imsemmi qabel, f'każ li l-ħruġ tal-Mandat jintalab kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita' pubblika mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, il-liġi[7] titlob ukoll li jintwera (a) li l-ħaġa li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u (b) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-Mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess għamil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma;

Tqis ukoll li, f'dan ir-rigward, il-liġi llum m'għadhiex titkellem dwar preġudizzju "li ma jkunx jista' jiġi rimedjat" bħala l-bażi tal-ilqugħ ta' talba għall-ħruġ tal-Mandat kontra l-Gvern, imma biżżejjed jintwera li tali preġudizzju jkun sproporzjonat. Dan ifisser li, bejn il-vantaġġ li joħroġ kieku l-ħaġa titwettaq u l-ħsara li ġġib magħha jeħtieġ li jsir tqabbil, iżda dan għandu jitqies mill-perspettiva tal-parti li titlob il-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum toħroġ ċirkostanza partikolari li jistħoqqilha titqies qabel kull ħaġ'oħra. Din iċ-ċirkostanza tikkonsisti fid-dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ miż-żewġ intimati, għall-finijiet tal-imsemmi artikolu 873(3) tal-Kap 12, fis-sens li l-ebda wieħed minnhom ma kellu l-ħsieb jew il-fehma li jneħħi xi tiġieġ jew ħamiem mill-post imsemmi fl-ordni tal-Qorti tal-Maġistrati;

Tqis li dikjarazzjoni bħal din tolqot minnufih wieħed mill-elementi ewlenin li jridu jirriżultaw biex talba għal ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tkun tista' tintlaqa' għax hija element mandatorju kostitutiv mitlub mil-liġi;

Tqis li dik id-dikjarazzjoni saret fid-dawl tal-fatt li l-ordni tal-Qorti tal-Maġistrati ma ngħatatx lilhom, iżda lir-rikorrent bħala l-persuna akkużata. Kemm hu hekk l-ordni tirreferi għall-imputat, la ma jista' jkun ħadd aktar għajr ir-rikorrent tal-lum. Jekk kien ser ikun meħtieġ l-intervent ta' xiħadd dan kien tal-uffiċjali tal-Pulizija biex ikun żgurat li ma jsir l-ebda ksur ta' ordni pubbliku hi u titwettaq l-ordni. Imma l-ordni ma torbotx u la lill-

[7] Art. 873(3) tal-Kap 12

intimat Kummissarju tal-Pulizija u wisq anqas lill-intimat Avukat Ġenerali biex jagħmlu xi ħaġa huma;

Tqis għalhekk li, minn dan l-aspett, jiġi nieqes wieħed mill-elementi kardinali meħtieġa biex din il-Qorti tista' tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis ukoll li l-ordni tat-tneħħija tat-tajr imsemmi mill-post indikat ma tista' bl-ebda mod titqies bħala xi ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq għar-rikorrent, ladarba x-xilja kontrih u n-natura tal-proċediment huwa dak ta' reat marbut ma' ħbit fuq persuna u mhux id-determinazzjoni ta' xi jeddijiet ċivili;

Tqis li, b'żieda ma' dak kollu li ngħad, li ma jidhirx li hija r-rieda tal-liġi li Mandat kawtelatorju jintuża biex iservi ta' twaqqif ta' degriet mogħti minn qorti. Il-liġi tipprovdi l-mod kif wieħed li ma jridx joqgħod għall-provvediment mogħti minn qorti jista' jattakka dak il-provvediment. Huwa minnu li dak inhar stess li ngħatat l-ordni, ir-rikorrent ressaq talba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati biex jitlobha tħassarha "*contrario imperio*". Il-fatt li dik il-Qorti ma laqgħetx it-talba tiegħu ma nissilx il-jedd mad-daqqa ta' għajn biex jitlob il-ħruġ tal-Mandat;

Tqis għalhekk li l-element tal-jedd mad-daqqa t'għajn ma jirriżultax li huwa soddisfatt;

Tqis li dwar il-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat sabiex l-għamil li r-rikorrenti trid iżżomm lill-intimat milli jwettaq, il-Qorti ssib li lanqas dan l-element ma jirriżulta. L-element tal-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa ma' l-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-

nuqqas lamentat jista’ jitneħħa, mqar b’deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu[8], jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li dan jgħodd ukoll għall-każ tal-lum, għaliex it-tneħħija tat-tajr mill-post fejn jgħammar missier ir-rikorrent ma hijiex pass irriversibbli jekk ’il quddiem ikun stabilit li r-rikorrent għandu jedd fuq il-post u jedd li jinqeda bih kif jixraq;

Tqis li ladarba ma jirriżultax il-jedd, wisq aktar ma tirriżultax il-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat** billi ma ntweriex li jirriżultaw l-elementi kollha mitluba mil-liġi għall-ħruġ tiegħu;

**Tħassar *contrario imperio*** d-degriet tagħha tas-16 ta’ Ottubru, 2014, safejn it-talba tar-rikorrent kienet intlaqgħet b’mod provviżorju; u

**Tordna li l-ispejjeż** ta’ din il-proċedura jitħallsu mir-rikorrent.

## < Sentenza Finali >

[8] P.A. AM **2.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta’ Inibizzjoni fl-ismijiet ***Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe***

---------------------------------TMIEM---------------------------------